# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' April, 2001**

**Numru 27**

**Cit. Nru. 656/95 FD**

**Carmelo Pace Gasan ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Tiles & Polish Company Limited**

**vs**

**George Spiteri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Spiteri Tiles Ltd**

**Il-Qorti;**

**<u>L-att tac-citazzjoni</u>**

Is-socjeta' attrici pprocediet kontra s-socjeta' konvenuta quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'dan l-att tac-citazzjoni:-

"L-attur nomine ppremetta illi l-konvenut nomine jinsab debitur versu l-attur nomine fis-somma ta' elfejn, seba' mija u erbghin lira Maltin u tlieta u erbghin centemzu (Lm2740.43) rapprezentanti in kwantu ghal Lm1197.89 prezz ta' irham u granit mibjugh u kkonsenjat mill-attur nomine lill-konvenut nomine u in kwantu ghal Lm1542.54 prezz ta' oggetti u merkanzija relatati max-xoghol tal-irham mibjugha u kkonsenjati mill-attur nomine lill-konvenut nomine, liema dejn hu cert, likwidu u dovut.

Premess illi l-konvenut nomine, nonostante li gie interpellat sabiex ihallas baqa' inadempjenti.

Premess illi fil-fehma tal-attur nomine l-konvenut nomine m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet attrici.

Jitlob ghalhekk l-attur nomine lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smeigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

2. tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-attur nomine s-somma ta' elfejn, seba' mija u erbghin liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm2740.43) rapprezentanti in kwantu ghal Lm1197.89 prezz ta' rham u granit mibjugh u kkonsejat mill-attur nomine lill-konvenut nomine u in kwantu ghal Lm1542.54 prezz ta' oggetti u merkanzija relatati max-xoghol tal-irham mibjugha u kkonsenjati mill-attur nomine lill-konvenut nomine."

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenut nomine awtorizzat jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet mill-Qorti hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:-

1. "li fl-ewwel lok l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'huwiex il-legittimu kontradittur;

2. iIlli bla pregudizzju u subordinatament ghas-suespost l-azzjoni kienet preskritta ai terminu tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-

Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-eccipjent kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur nomine; u

3. Illi fil-meritu, bla pregudizzju ghas-suespost, il-materjali u servizzi moghtija m'humiex tal-kwalita' miftiehma tnt li terzi li rcevew l-istess huma insodisfatti bl-istess kif ser jigu pruvat fil-kors tal-kawza; u

4. illi ghad fadal x'jithallas, l-ammont mitlub huwa esagerat u l-attur nomine jenhtieglu jiggustifika l-ammont kif mitlub."

**Decide**

B'sentenza tat-3 ta' April, 1998 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi wara li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel domanda, laqghet it-tieni domanda u kkundannat lill-konvenut nomine ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm2740.43 kif mitlub fic-citazzjoni bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Illi l-attur nomine pprezenta din ic-citazzjoni biex is-socjeta' konvenuta thallas lil dik attrici Lm2740.43c u dan in parti ghall-prezz ta' rham u granit mibjugh mill-istess attur nomine u l-bilanc ghall-prezz ta' oggetti u merkanzija relatati max-xoghol tal-irham li gew mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta.
>
> Illi fl-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine, kienet dik li l-illegittimita' tieghu bhala kontradittur u ghalkemm din ma giet bl-ebda mod sjegata fid-dikjarzzjoni tieghu, pero' fl-affidavit hu kkonferma bil-gurament li s-socjeta' konvenuta cioe' Spiteri Tiles Ltd ma kenitx ghadha tezisti peress li isimha inbidel f'G. Spiteri & Sons Ltd; huwa pprova jispjega wkoll meta u kif sar dan il-

kambjament, pero' ma ressaq ebda forma ta' prova in sostenn ta' dik l-eccezzjoni tieghu u in segwitu, kien kostrett li jharrek bhala xhud lir-rapprezentant tas-socjetajiet kummercjali u dan ukoll ikkonferma dak li l-kumpanija Spiteri Tiles Ltd, cioe' dik konvenuta, "skond dokumenti li ghandha fl-ufficcju, ghadha tezist sal-lum. Git registrata fl-1 ta' Jannar 1984. Jiena nista' nikkonferma li l-kumpanija kienet irregistrata f'isem Spiteri Tiles Ltd, u ghadha bl-istess isem sallum."

Illi l-Qorti tiddeplora dan in-nuqqas ta' preparazzjoni da parti tal-konvenut illi mar ressaq ebda prova in sostenn tad-dikjarazzjoni hekk importanti tieghu u inoltre gie kontradett mir-rapprezentant tad-dipartiment koncernat; ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi respinta.

Illi t-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta, hija dik tal-preskrizzjoni taht l-artiklu 2156 (f) tal-Kodici Civili illi in sostenn tat-talba tieghu, l-attur spjega li s-socjeta' konvenuta akkwistat minghandu diversi irham u materjal ancillari u "jiena kont naghti lill-kumpanija konvenuta kreditu ghal zmien mhux hazin u qatt ma kellna problemi kbar dwar hlas. Izda wara l-ahhar pagament li ghamel fis-16 ta' Gunu 1993, kont innutajt li ghadda certu zmien u ma regax gie jaqta' aktar mil-kont". L-istess attur jikkontendi illi qualsiasi prospezzjoni kienet giet interotta peress illi meta kien jitolbu biex ihallas il-bilanc dovut, "kull meta nkellmu dejjem jghidli ser ihallas u kien jitlobni nistenna ftit iehor. Kien jghidli wkoll li ried ikellem lill-accountant tieghu biex jivverifika xi ammonti u dana peress li kien jghidli li l-karti kienu qeghdin ghandu"; wara li bosta drabi kien iwieghdu li kien ser ihallas u kien jitolbu aktar zmien ghall-pagament pero' inutilment, l-attur, permezz ta' l-avukat tieghu, baghat kopja legali li pero', il-konvenut,lanqas biss wiegeb ghaliha.

Illi in sostenn tat-tezi tieghu, l-attur ressaq id-dikjarazzjoni ta' Debby Muscat li jahdem part time mas-socjeta' attrici u jiehu hsieb il-kotba tal-istess kumpanija li stqarr "George Spiteri kien spiss icempel u jistaqsini ghal xi materjal ta' rham gew granit u meta kont nirrispondi t-telephone, jien kont nigbidlu l-attenzjoni ghall-fatt illi l-ammont dovut kien tela' sew u kont nitolbu jaghmel il-hlas, huwa kien jirrispondini li kien ser ihallas fi ftit zmien iehor. Huwa semma anke meta l-attur stess cempel lill-konvenut u f'okkazzjoni ohra "jiena kont mort flimkien ma' Carmelo Pace Gasan ghand George Spiteri l-fabbrika tieghu f'Imdina Road Zebbug biex jitolbu jhallas il-kont. Dan kien ghal bidu tas-sena 1994. Dakinhar, George Spiteri rega' ghal darba ohra wieghed li ma jdumx ma jaqta' l-kont."

Ix-xhud Horace Pace Gasan ukoll ikkonferma illi "jiena mort diversi drabi ghandu bix-xoghol u Benny Musct kien jiehu l-okkazzjoni u jibghatlu l-istatement tal-bilanc dovut, mieghi. Jiena kont naghtih f'idejn George Spiteri u nitolbu l-pagament. Hu kien jghidli issa nhallas dirett lil missierek."

Illi l-Qorti tifhem li anke jekk ghadda t-terminu stabbilit certament, il-konvenut irrinunzja ghall-effetti tal-preskrizzjoni u din ir-rinunzja tidher li kienet espressa, cara u univoka.

Illi inoltre, il-Qorti tosserva li l-kont bejn il-kontendenti kien wiehed kurrent fis-sens illi l-konvenut kien imur jixtri minghand id-ditta attrici, kemm irham kif ukoll prodotti ancillari, u imbaghad kien jaghmel pagmenti akkont; dana jidher b'mod car mill-fatt illi l-pagamenti li kienu saru skond ma jidher mill-istatements esebiti, jindikaw kollha pagamenti globali ta' wiehed elfejn lira, tnejn ohra tlett elef u tnejn ohra ta' elf; l-ahhar wiehed biss kien jirreferi ghal invoice partikolari; dan jindika t-tip ta' relazzjoni li kellhom il-kontendenti u ghalhekk f'kull kaz il-Qorti tara li anki dawn il-pagamenti, ukoll ghandhom jigu konsidrati bhala illi interrompew kull preskrizzjoni li setghet kienet qeghda timxi kontra s-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk anke t-tieni eccezzjoni ghandha tigi respinta.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni, il-konvenut ma ressaq ebda provi u anke dwar il-kawzi li allega li saru kontra tieghu, lanqas biss kien f'posizzjoni li jindika l-ismijiet korretti taghhom. Illi dwar dan, minn-naha l-ohra, oltre x-xhieda li ta l-istess attur, ix-xhieda minnu prodotti ilkoll iddikjaraw illi qatt ma kellhom ebda ideja illi l-konvenut kellu xi lanjanza dwar it-tip ta' xoghol jew il-kwalita' ta' materjal fornit lilu; ghalhekk anke t-tielet eccezzjoni ghandha tigi michuda fiz-zewg kapi taghha."

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

L-appell tas-socjeta' konvenuta hu bazat fuq zewg binarji ben distinti. Fl-ewwel lok hi tissottometti li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament legalment skorrett dwar il-punt tal-preskrizzjoni u fit-tieni lok tissottometti illi l-ewwel Qorti kellha tinvesti t-tieni eccezzjoni (fil-fatt hija t-tielet

eccezzjoni) illi l-materjali u s-servizzi moghtija ma' kienux tal-kwalita' miftiehma. Din il-Qorti tqis kull aggravju separtament.

A. **<u>L-aggravju dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni</u>**

Is-socjeta' appellanti tissottometti illi l-Ewwel Qorti naqset li tapprezza li biex ikun hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni jew ir-rinunzja ghall-istess tramite l-amissjoni tad-debitur, tali amissjoni kellha tkun cara, espressa u univoka. Dan zgur ma' kienx il-kaz fic-cirkostanzi taht ezami u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tigi milqugha. Skond is-socjeta' appellanti l-attur nomine kien qed jipprova jistrieh fuq ix-xhieda ta' certu Benny Muscat u t-tifel ta' l-attur li taw x'jifhmu li l-konvenut kien ammetta maghhom li kien ser ihallas l-ammont mitlub. Dan pero' l-appellant jichdu sa mill-bidu nett. Sostna li ma kienx ippreparat li jhallas ghall-materjal konsenjat billi ppretenda li dan kien difettuz tant li terzi kienu lmentaw mieghu meta l-istess materjal gie uzat f'xoghlijiet ezegwiti fuq inkarigu taghhom. Ma kienx allura minnu li l-preskrizzjoni kienet giet interrotta jew abbandunata da parti tad-debitur bl-istess ammissjoni tieghu. Dan l-aggravju hu pero' ghal kollox insostenibbli.

Jigi precizat qabel xejn illi l-preskrizzjoni eccepita mis-socjeta' appellanti kienet dik kwinkwennali fit-termini tas-subinciz (f) ta' l-artikolu 2156 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li

gej minn operazzjoni kummercjali taqa' bl-gheluq ta' hames snin. Hu stabbilit mid-dokumenti esebiti illi l-ammont reklamat jirrigwarda diversi partiti ta' materjal konsenjat mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta tul diversi snin u l-ahhar konsenja saret fis-16 ta' Jannar 1993. Ic-citazzjoni gietipprezentata fit-12 ta' Mejju, 1995 u giet notifikata lis-socjeta' konvenuta fil-15 ta' l-istess xahar. Certament allura ma kienx ghadu ddekorra l-perjodu ta' hames snin mill-ahhar konsenja ta' merkanzija. Il-provi juru bla ebda dubju illi bejn iz-zewg socjetajiet kien hemm kont kurrent tant illi l-konsenji tal-merkanzija saru minn zmien ghal zmien tul perjodu li jirrizulta mill-kont esebit filwaqt li l-pagamenti kienu jsiru b'akkonti ukoll minn zmien ghal zmien. Dawn l-akkonti ma kienux bhala regola proprjament relatati ma' partiti partikolari imma kienu jkunu akkreditati ghall-ammont globali li kien f'dak il-mument dovut. Hekk allura jirrizulta li l-konvenut nomine xtara merkanzija minghand l-attur nomine bejn l-1989 u l-1993. F'dak l-istess perjodu saru sitt pagamenti akkont tal-valur tal-merkanzija akkwistata b'dan il-mod:- 13 ta' Dicembru 1989 – Lm3,000, 5 ta' Mejju, 1990 – Lm3,000, 5 ta' Mejju, 1990 – Lm1,000, 24 ta' Awissu, 1990 – Lm2,000, 9 ta' Jannar, 1991 – Lm1,000 u 16 ta' Jannar, 1993 – Lm1364.

Minn dawn il-fatti johrog car (a) li l-perjodu preskrittiv ta' hames snin seta' biss jibda jiddekorri mill-ahhar konsenja registrata fil-kont kurrent u mhux qabel. Dan fl-ahjar ipotesi tas-socjeta' appellanti u (b) li l-ahhar

pagament li jkun sar akkont ta' l-ammont dovut f'dak il-kont kurrent kien jikser u jinterrompi l-perjodu preskrittiv fil-konfront tal-kont kollu. Dan ghaliex hu meqjus illi l-kont kurrent ikun jirraprezenta dejn wiehed in kwantu l-kontraenti jkunu hekk qablu li kellu jigi meqjus, in kwantu t-transazzjonijiet kollha kienu minnhom konsidrati bhala operazzjonijiet differenti fl-istess negozju bejniethom.

L-artikolu 2134 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi l-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn maghmul mid-debitur, kellu allura jigi applikat f'dan il-kaz biex jistabilixxi l-interruzzjoni tad-dekors tal-perjodu preskrittiv fuq il-kont taht ezami fis-16 ta' Gunju 1993, data li fiha sar l-ahhar pagament akkont.

Ir-riferenza tas-socjeta' appellata ghall-insenjament ta' din il-Qorti fil-kawza "Giovanni Micallef vs Giuseppe Azzopardi" (Vol. XXVIII.i.751) ukoll segwit b'gurisprudenza sussegwenti hi f'lokha.

"*Che da cio emerge anche chiaro che i rapporti interceduti tra l'attore e il convenuto sono rapporti d'indole commerciale perche' il citato non acquistava il vino per proprio uso ma per venderlo nella sua bottega …….. e quindi le somministrazioni e consegne che l'attore facevo al citato come evincesi dal complesso di prove non devono considerarsi <u>come singole consengii a credenza ma come diverse forniture da</u>*

*<u>formare un solo conto</u>. Quindi i pagamenti che si facevano acconto importavano ricognizione dell'intero debito e la prescrizione deve incominciare dal di dell'ultima fornitura quando cessavano i rapporti tra il contendenti*."

Skond il-provi prodotto jidher li l-ahhar konsenja saret fis-16 ta' Gunju, 1993 u allura kien minn dakinhar li kellu jibda jiddekorri l-perjodu preskrittiv eccepit mis-socjeta' konvenuta.

Stabbilit dan, jidher ghal kollox inutli l-ezercizzju li ghamlet is-socjeta' appellata biex tipprova illi f'kull kaz is-socjeta' appellanti kienet irrikonoxxiet id-dejn anke jekk kienet qed tikkontesta il-quantum tad-debitu pretiz minnha u li dan fih innifsu kien jikkostitwixxi interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv. Sottomissjoni li din il-Qorti ma kienx jehtigilha tapprofondixxi in kwantu kif fuq konsidrat, hi sodisfatta illi tali terminu preskrittiv kien ghadu ma ddekorriex. Kien ukoll ghall kollox inutili li din il-Qorti tezamina n-natura ta' l-allegata ammissjoni tad-debitur u jekk din kenitx cara, espressa u univoka sal-punt li tikkostitwixxi interruzzjoni jew addirittura rinunzja ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Dan l-aggravju ma setghax allura jigi sosnut.

B. **<u>L-aggravju dwar it-tielet eccezzjoni</u>**

Is-socjeta' appellanti tissottometti wkoll illi l-Ewwel Qorti kien messha investiet din l-eccezzjoni billi approfonditha permezz ta' assistenza

teknika biex tistabilixxi jekk l-ilmenti taghha dwar il-kwalita' tal-materjl fornit kienux jew le gustifikati.  Is-socjeta' appellanti sosniet quddiem l-Ewwel Qorti illi l-materjal fornit mis-socjeta' appellata kien gie utilizzat fl-ezekuzzjoni ta' xoghol ghal terzi persuni u dawn kienu ilmentaw mill-kwalita' ta' dan il-materjal tant li kienu pprocedew gudizzjarjament kontra taghha u dan anke b'success. Is-socjeta' appellanti ssostni fl-aggravji taghha illi l-Ewwel Qorti kienet tenuta li tahtar espert tekniku biex jirrelata dwar il-fondatezza ta' dan l-ilment in via di eccezzione.  Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju.

Fl-ewwel lok, kien il-konvenut nomine li kellu l-obbligu li jipprova l-eccezzjonijiet minnu sollevati.  Il-Qorti kellha biss id-dover li tiddeciedi fuq il-provi lilha sottomessi 'iuxta allegata et probata'.  Hi ma kienet tenuta li taghmel xejn biex tiffavorixxi jew tistabilixxi t-tezi ta' xi parti. Jekk is-socjeta' appellanti dehrilha illi kien il-kaz illi l-eccezzjoni taghha tigi sostnuta permezz ta' l-opinjoni teknika ta' espert nominat mill-Qorti, din kellha fl-ewwel lok l-opportunita' li titlob lill-Qorti ghall-hatra ta' espert tekniku biex jindaga dwar  jekk il-materjal, fornut mis-socjeta' appellata, kienx jew le tal-kwalita' pattwita.  L-opinjoni ta' dan il-perit tekniku nominat mill-Qorti kien ikun jikkostitwixxi prova  fl-atti processwali li minnha s-socjeta' appellanti setghet issib konfort jekk it-tezi taghha tigi suffragata mir-rizultanzi teknici.  Is-socjeta' appellanti mhux biss ma talbitx in-nomina ta' perit espert imma lanqas hi stess ma pproduciet certifikati ex parte li  isostnu l-eccezzjoni taghha.

Inoltre, jirrizulta provat waqt it-trattazzjoni ta' l-appell illi s-socjeta' appellanti kellha disponibbli dokumentazzjoni, li tinkludi gudikati u relazzjonijiet teknici minn esperti nominati mill-Qorti f'kawzi ohra, illi setghet tipproduci quddiem l-Ewwel Qorti in sostenn ta' l-eccezzjoni taghha u li naqset ukoll li tipprezentahom. Tant illi hija pprovat titlob l-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti biex tipproducihom f'dan l-istadju imma dik it-talba kienet giet minn din il-Qorti michuda b'digriet tat-23 ta' Gunju, 2000 bhala manifestament insostenibbli. Din l-eccezzjoni kellha allura se mai tigi sostnuta bil-provi quddiem l-Ewwel Qorti u ma kienx lecitu li din il-Qorti tikkonsidra l-aggravju kif propost meta hu car illi kienet is-socjeta' appellanti illi naqset illi tissodisfa l-oneru tal-prova fuqha bil-ligi impost. Din il-Qorti ma tirraviza l-ebda nuqqas da parti ta' l-ewwel Qorti fil-mod korrett kif ikkonduciet is-smiegh tal-kawza quddiemha, anke taht dan l-aspett. Dan it-tieni aggravju qed jigi allura wkoll michud.

Ghal dawn il-motivi, l-appell ma jistax jigi sostnut u qed jigi rigettat. Is-sentenza appellata hi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellanti.

Dep/Reg

cb